MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 615/2012

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs.**

**Francesco Colucci K.I. 60211 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ elfejn mitejn u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€2273.29), in konnessjoni ma’ servizzi ta’ komunikazzjoni bil-kont numru A/C40165123 reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi, u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ elfejn mitejn u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€2273.29), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fit-13 ta’ Marzu 2012 u numerata 670/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra ufficjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------